

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1112**tat-22 ta' Ġunju 2017****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri tgħall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxi tas-sisa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 27(4) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jeżentaw mit-taxxa tas-sisal-alkoħol li jkun għe żnaturat kompletament skont ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe Stat Membru, sakemm daww ir-rekwiżiti jkunu għew debitament innotifikati u aċċettati skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.
- (2) L-iznaturanti li jintużaw f'kull Stat Membru għall-iskopijiet biex jiġi żnaturat kompletament l-alkoħol kif imsemmi fl-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE huma kif deskritti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93 ⁽²⁾.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1867 ⁽³⁾ emenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 billi introduċa proċedura unika komuni għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol. Dik il-proċedura komuni involviet l-użu, għal kull ettolitru ta' etanol assolut, ta' litru ta' alkoħol isopropil (IPA), ta' litru ta' metiletilketon (MEK) u ta' gramma waħda ta' benzoat tad-denatonju. Dik il-proċedura komuni kienet maħsuba wkoll sabiex tissostitwixxi d-diversi proċeduri nazzjonali għall-iżnaturar sabiex jiġu evitati l-evazzjoni, l-evitar u l-abbuż.
- (4) Il-proċedura segwita għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1867 ma kinitx f'konformità mal-Artikolu 27(3) u (4) tad-Direttiva 92/83/KEE. Għalhekk, dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħteġ li jitħassar.
- (5) Fil-15 ta' Marzu 2017 jew qabel, ċerti Stati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni bl-iznaturanti għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol li mill-1 ta' Awwissu 2017 beħsiebhom jużaw għall-iskopijiet tal-Artikolu 27(1)(a).
- (6) Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2017 il-Kummissjoni baġtet il-komunikazzjonijiet kollha li rċeviet lill-Istati Membri l-oħra.
- (7) Stat Membru wieħed qajjem oġġezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 92/83/KEE minħabba l-fatt li l-proċedura għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol li jkun fiha litru ta' alkoħol isopropil (IPA), litru ta' metiletilketon (MEK) u gramma waħda ta' benzoat tad-denatonju għal kull ettolitru ta' etanol assolut tagħti lok għal użu ħażin u għalhekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 92/83/KEE fir-rigward tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe evazzjoni, evitar jew abbuż.
- (8) Fir-rigward ta' Stati Membri li naqsu milli jikkomunikaw l-intenzjoni tagħhom li jużaw żnaturanti ġodda, għandhom ikomplu japplikaw il-proċeduri li diġà jinsabu fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 3199/93 qabel ma kien emendat bir-Regolament (UE) 2016/1867..
- (9) Il-proċeduri li ma għadhomx inklużi fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 3199/93 jistgħu jintużaw fi Stat Membru fejn huma awtorizzati, għall-produzzjoni tal-alkoħol żnaturat biex jintuża għall-manifattura ta' xi prodott mhux għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 27(1)(b) tad-Direttiva 92/83/KEE.

⁽¹⁾ ĠUL 316, 31.10.1992, p. 21.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (ĠUL 288, 23.11.1993, p. 12)⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1867 tal-20 ta' Ottubru 2016 li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar il-proċeduri tar-rikonoxximent reċiproku għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxi tas-sisa (ĠUL 286, 21.10.2016, p. 32).

- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 3199/93 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (11) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1867 għandu jitħassar b'mod espliċitu.
- (12) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1867 u għandu għalhekk jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 3199/93 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1867 huwa mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 jibda japplika mill-1 ta' Awwissu 2017.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER

ANNEX

“ANNEX

Lista ta' prodotti awtorizzati, bin-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom tal-Chemical Abstracts Service (CAS), għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol.

Aċetun	CAS: 67-64-1
C.I. aħmar reattiv 24	CAS: 70210-20-7
Kristalvjola (C.I. Nru 42555)	CAS: 548-62-9
Benżoat tad-denatonju	CAS: 3734-33-6
Etanol	CAS: 64-17-5
Fluworexxeina	CAS: 2321-07-5
Żejt fusel	CAS: 8013-75-0
Petrol (inkluż petrol bla ċomb)	CAS: 86290-81-5
Alkoħol isopropiliku	CAS: 67-63-0
Kerosin	CAS: 8008-20-6
Pitrolju	CAS: 64742-47-8 u 64742-48-9
Metanol	CAS: 67-56-1
Metiletilketon (2-butanon)	CAS: 78-93-3
Metilisobutilketon	CAS: 108-10-1
Metilisopropilketon	CAS: 563-80-4
Metil vjola	CAS: 8004-87-3
Metilen blu (52015)	CAS: 61-73-4
Solvent tan-nafta	CAS: 8030-30-6
Trementina	CAS: 8006-64-2
Nafta (żejt mhux maħdum)	CAS: 92045-57-3
Alkoħol tertbutil	CAS: 75-65-0
Tijofen	CAS: 110-02-1
Timol blu	CAS: 76-61-9

It-terminu “etanol assolut” f'dan l-Anness għandu l-istess tifsira bħall-kelma “alkoħol assolut” użat mill-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata.

F'dawn l-Istati Membri kollha, kwalunkwe żebgħa tista' tiġi miżjudha mal-alkoħol żnaturat biex tagħtih kulur karatteristiku, u jsir immedjatament identifikabbli.

- I. **Il-proċedura komuni tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament użata fil-Belġju, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fl-Ungerija, f'Malta, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fil-Polonja, fil-Portugall, fis-Slovenja, fis-Slovakkja, fil-Finlandja:**

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

— Litru (1,0 l) alkoħol isopropil,

- Litru (1,0 l) metiletilketon,
- gramma (1,0 g) ta' benzoat tad-denatonju.

II. Konċentrazzjoni ikbar tal-proċedura komuni tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament, użata fl-Istati Membri li ġejjin:

Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, u r-Renju Unit.

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

- 3,0 litri ta' alkoħol isopropil,
- 3,0 litri metiletilketon,
- gramma (1,0 g) ta' benzoat tad-denatonju.

Il-Kroazja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

Minimu ta':

- Litru (1,0 l) alkoħol isopropil,
- Litru (1,0 l) metiletilketon,
- gramma (1,0 g) ta' benzoat tad-denatonju.

L-Iżvezja

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut:

- Litru (1,0 l) alkoħol isopropil,
- 2,0 litri metiletilketon,
- gramma (1,0 g) ta' benzoat tad-denatonju.

III. Proċeduri addizzjonali tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament, użati f'ċerti Stati Membri:

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

Ir-Repubblika Ċeka

1. 0,4 litri nafta solventi,
0,2 litri pitrolju,
litru (0,1 l) petrol għal użu tekniku.
2. 3,0 litri ta' etil tert-butyl-eter,
Litru (1,0 l) alkoħol isopropil,
1,0 litru petrol bla ċomb,
10 milligrammi fluworexxina.

Il-Greċja

Alkoħol ta' kwalità inferjuri biss (id-distillat miksub fil-bidu u fi tmiem il-proċess tad-distillazzjoni), b'saħħa alkoħolika ta' mill-inqas 93 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 96 % tal-volum jistgħu jiġu żnaturati.

Għal kull ettolitru ta' alkoħol idratat ta' 93 % tal-volum jiżdiedu s-sustanzi li ġejjin:

- 2,0 litri metanol,
- litru (1,0 l) spirtu tat-terpentina,

- 0,50 litru żejt tal-lampi,
- 0,40 gramma metilen blu

F'temperatura ta' 20 °C, il-prodott aħħari, fil-forma mhux mibdula tiegħu, għandu jilħaq 93 % tal-volum.

Il-Finlandja — awtorizzata sal-31.12.2018

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

1. 2,0 litri metiletiketon,
3,0 litri metilisobutiketon.
 2. 2,0 litri ta' aċetun,
3,0 litri metilisobutiketon."
-